MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

It-Tnejn 24 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

21.1.1 Minħabba li l-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 20 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

21.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

21.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

21.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li se jkun qed jikkomunika xi tagħrif fil-punti tal-aġenda aktar 'il quddiem f'din il-laqgħa.

21.3.2 Is-Sindku ppropona sabiex l-ikla tal-Milied għall-membri u l-impjegati kollha tal-Kunsill issir nhar is-16 ta' Jannar 2026. Kien hemm qbil mill-membri dwar din id-data.

### 21.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

21.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar xi siġar li jinsabu fil-pjazza li jidhru nexfin jew mejta. Wara diskussjoni bejn il-membri, minħabba l-fatt li qed mhix l-ewwel darba li mietet xi siġra minnhom, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iqabbad espert f'dan il-qasam biex jittieħed parir u jinbidlu skont l-istess parir.

21.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar żviluppi fuq il-kisi bit-tarmak ta' Triq il-Kantra u Triq San Xmun fix-Xlendi wara li kien sar ix-xogħol fit-tisħieħ tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir minn Enemalta Plc skont il-kundizzjonijiet li l-Kunsill kien impona meta nħarġu l-permessi. Madanakollu, minkejja diversi tfakkiriet mill-Kunsill lill-Enemalta Plc, dan ix-xogħol għadu ma sarx. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jibqa' jagħmel pressjoni biex dan ix-xogħol isir qabel l-istaġun tas-Sajf.

## 21.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

21.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett tal-installazzjoni tal-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina u l-infrastruttura għalih miexi b'rittmu tajjeb. Hu ppropona sabiex issir l-inawgurazzjoni tiegħu nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija bis-sehem tat-tfal tal-Iskola Primarja ta' Sannat, liema skola hija msemmija għall-Professur Ġuże' Aquilina stess. Kien hemm qbill mill-membri dwar din id-data kif ukoll li jsiru l-preparamenti neċessarji għal dan l-avveniment inkluż inviti u riċeviment. Kien hemm qbil ukoll sabiex issir sejħa lill-istudenti tal-iskola sabiex jiktbu poeżija jew kitba fuq il-Professur Ġuże Aqulina u tnejn minnhom jinqraw waqt l-inawgurazzjoni. L-istudenti parteċipanti jingħataw tifkira tal-okkażjoni.

## 21.6 Milied 2025;

21.6.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li l-Kunsill qed jaħdem bi sħiħ fuq l-inizjattivi u l-attivitajiet tax-xahar tal-Milied u ppreżenta l-programm għall-approvazzjoni tal-membri.

- 8 ta' Diċembru 2025 – Ħarġa soċjo-kulturali għall-familja kollha ġewwa Għawdex fejn inżuru l-monti u diversi presepji fin-Nadur, quddies fis-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala u ssegwi attivita soċjali ġewwa 'Country Terrace' biex il-komunita' taqsam l-awgurju tal-Milied flimkien.
- 12 ta' Diċembru 2025 – Jum il-Munxar 2025.
- 14 ta' Diċembru 2025 – Attivita' għat-tfal u l-familji fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar b'diversi karattri animati tal-Milied u logħob għat-tfal. Jieħdu sehem kantanti lokali, korijiet tat-tfal u gruppi taż-żfin. Din l-attivita' ser tittella' bil-kollaborazzjoni tal-

Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar kif ukoll tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

- 18 ta’ Diċembru 2025 – L-Inawgurazzjoni tal-bust tal-Professur Ġużè’ Aquilina.
- 25 ta’ Diċembru 2025 – Tqassim tar-rigali għat-tfal minn *Father Christmas* u tqassim ta’ ikla lill-anzjani u lin-nies vulnerabbli b’kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex.
- 29 ta’ Diċembru 2025 – Ħarġa għat-tfal bit-*trackless train* u wara naraw film ġewwa Citadel Cinema.

Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan il-programm ta’ attivitajiet u biex jinħareġ fuljett li jitqassam f’kull residenza.

## 21.7 Jum Il-Munxar 2024;

21.7.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, flimkien mal-membri preżenti kkonfermaw li l-attivitajiet ta’ Jum Il-Munxar 2025 ser isiru bħas-snin ta’ qabel jiġifieri quddiesa ta’ radd il-ħajr nhar it-12 ta’ Diċembru 2025 fis-6.00 ta’ filgħaxija fil-Knisja Parrokjali u ssegwi serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokjali fis-7.00pm u wara jkun hemm riċeviment.
Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil li jiġi ppreżentat ir-rikonoxximent ta’ Ġieħ Il-Munxar lil Rita Debrincat, kif ukoll rikonoxximent lill-Parroċċa f’għeluq il-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja.

21.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din is-sena waqt is-serata ta’ Jum il-Munxar ikun hemm aktar involviment dirett tal-komunita’ għal dawk li għandhom xi talent u jixtiequ jagħmlu prestazzjoni waqt din is-serata, kif ukoll, għal dawk interessati jiktbu poeżija jew kitba marbuta mar-raħal tagħna li tinqara waqt din is-serata. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 21.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita’;

21.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 3A u l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati l-Pjan ta’ Ħidma tal-Kunsill kif ukoll l-estimi finanzjarji għas-sena 2026.

21.8.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fil-5.30 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'

## 21.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

21.9.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' soċjali mill-Kunsill Lokali fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar – 14 ta' Diċembru 2025;
- Inawgurazzjoni tal-Bust tal-Professur Ġuże Aquilina mill-Kunsill Lokali fi Triq il-Professur Ġuże Aquilina fil-Munxar – 18 ta' Diċembru 2025;
- Attivita' għat-tfal mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarina fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fil-Munxar – 20 ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

21.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar bi ftehim għall-għajnuna finanzjarja ta' €1,500 għall-attivita' tal-Karnival fil-Munxar nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-ftehim u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

21.9.3 Wara li fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil mill-membri dwar il-kontinwazzjoni tas-sistema diġitali tal-permessi u dwar proċeduri ġodda ta' ħlas għal dan is-servizz, il-Kunsill irċieva korrispondenza b'kuntratt ta' ftehim. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-ftehim u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

21.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assistent Direttur tat-taqsima tal-proġetti fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar b'ittra ffirmata mid-Diretttur Ġenerali tal-istess taqsima, F'din l-ittra l-Kunsill Lokali ġie mitlub sabiex jipprovdi lista ta' toroq li jeħtieġu xogħlijiet ta' asfalt fejn ġew allokati 1,000 metri kwadri għal-lokalita' tal-Munxar.

Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li minħabba l-għeluq tas-sottomissjoni, il-Kunsill ippreżenta l-lista tat-toroq kollha li jeħtieġu l-interventi.

Dwar din il-korrispondenza, is-Sindku ġibed l-attenzjoni u fakkar lill-membri preżenti li kienet saret laqgħa mal-Ministru Għal Għawdex fil-bidu tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill, fejn dawn it-toroq kienu ġew imwiegħda li ser isiru ladarba tinħareġ sejħa għall-offerti min-naħa tagħhom. Madanakollu x-xogħol għadu ma sarx u l-Kunsill talab diversi drabi biex terġa' issir laqgħa fuq din il-materja iżda l-Kunsill qatt ma ngħata tweġiba.
Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni f'dan ir-rigward kif ukoll dwar din l-ittra mibgħuta fejn il-lokalita' tal-Munxar ġiet allokata 1,000 metru kwadru biss meta kkumparat ma' lokalitajiet oħra li uħud saħansitra ġew allokati 15,000 metru kwadru. Is-Sindku saħaq li mhux ser iħalli lir-residenti jiġu żvantaġjati b'dan il-mod u ser ikun qed jiddefendi l-interessi tagħhom b'kull mezz possibbli biex ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u fir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali jsiru.

21.9.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Aġenzija LESA fejn qed terġa' tiġi imnedija l-inizjattiva ta' tqassim ta' fondi lura fil-komunita' permezz ta' skemi għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar l-inizjattiva Milied Solidali 2025 li għal darba oħra ser tkun tikkonsisti f'ikla f'Jum il-Milied lill-anzjani u lin-nies vulnerabbli b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

21.9.7 Ċirkulari DGL 05/2025 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.8 Ċirkulari DGL 06/2025 – Allokazzjoni Finanzjarja 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.9 Ċirkulari DGL 07/2025 – Inizjattiva : Apprezzament tal-Mużika fi Klabb 3-16. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.10 ANSEK – Flimkien, Kunsilli Aqwa – Sensiela ta' filmati minn ANSEK. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.11 PQ 31535 – Cat feeders - Benefiċċji. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

21.9.12 Ċirkulari Nru AKL 2025/066 – Enemalta – Street Lighting Retrofitting Project. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/067 – Light, Unite, Ignite – Team Building Event 21/11/2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.14 Ċirkulari Nru AKL 2025/068 – Children's Peace March 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.15 Ċirkulari Nru AKL 2025/069 – Expo – Inspiring Change: Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities! 04/12-05/12/2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.9.16 Ilment 70/2025
Resident jitlob sabiex issir *Keep Clear Bay* fi Triq Puniċi fix-Xlendi minħabba nuqqas ta' mobilita'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

21.9.17 Ilment 71/2025
Resident jitlob sabiex isiru *double yellow lines* metru ma' ġenb garaxx fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri.

**21.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

21.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 21/2025-9 għall-perjodu bejn it-23 t'Ottubru 2025 u l-24 ta' Novembru 2025 li tammonta għal €33,679.55 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

**21.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

21.11ċ.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |